MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2004

Appell Kriminali Numru. 203/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Michael Cini**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Cini talli fl-4 ta’ April 2002 u fix-xahar ta’ qabel, gewwa Paceville, San Giljan u bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti (a) biegh jew xort’ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; (2) talli fl-istess data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu; (3) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta

dawn ir-reati fi, jew gewwa, distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Ottubru, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Michael Cini hati u kkundannatu sitt xhur "habs" [**recte:** prigunerija] u multa ta' mitejn lira Maltin (Lm200); dik il-qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga mill-Ispizjar Mario Mifsud fil-presenza tad-Deputat Registratur tal-Qorti li gie ordnat sabiex jirredigi process-verbal dwar il-process ta' distruzzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Michael Cini, minnu prezentat fit-3 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; Semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu, bazikament, tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li ma kienx hemm provi li kellhom iwasslu lill-ewwel qorti sabiex issibu hati skond l-ewwel u skond it-tieni imputazzjoni. L-appellant jikkontendi li *"…l-mod kif ittiehdet u giet redatta l-istqarrija…ghalkemm mhux illegali…jirrendiha kemm xejn inattendibbli u per tant il-Qorti kellha tuza cirkospezzjoni kbira qabel tibbaza l-kundanna taghha unikament fuq l-istess…"*. Jikkontendi wkoll li anke jekk wiehed kellu, ghall-grazzja ta' l-argument, joqghod fuq il-kontenut ta' din l-istqarrija, dan ma jwassalx ghall-prova ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti, u dan peress li l-imputazzjonijiet huma limitati ghal zmien specifiku u cioe` ghall-periodu bejn l-4 ta' Marzu, 2002 u l-4 ta' April, 2002. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tosserva qabel xejn li fil-fehma taghha ma hemm xejn, la fl-istqarrija nnifisha u anqas f'xi deposizzjoni ohra (inkluza dik ta' l-appellant stess quddiem l-ewwel qorti) li b'xi mod tirrendi l-kontenut tal-istqarrija "inattendibbli". Mill-banda l-ohra, pero`, l-appellant ghandu ragun ghal dak li jirrigwarda l-parametri ta' zmien ta' l-imputazzjonijiet. Ghal xi raguni li

jafha biss l-ufficjal li mexxa l-investigazzjoni u in segwitu l-prosekuzzjoni, l-imputazzjonijiet huma cirkoskritti fiz-zmien ghall-"4 ta' April 2002 u xahar qabel". Issa, ghalkemm huwa minnu li fl-istqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija, kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu[1] quddiem l-ewwel qorti, l-appellant ammetta li kien hemm xi okkazzonijiet meta huwa qasam ma' haddiehor ir-raza li kien ikollu, minn imkien ma jirrizulta li dan it-"traffikar" sehh fl-4 ta' April, 2002 jew fix-xahar ta' qabel. Ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati skond l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, cioe` bil-parametri ta' zmien aktar 'l fuq imsemmija; u anqas hemm prova li -- apparti r-raza misjuba fl-4 ta' April, 2002 fl-appartament ta' l-appellant u li ser tigi kkunsidrata fid-dawl tat-tieni aggravju -- l-appellant kellu f'xi zmien fl-4 ta' April, 2002 u fix-xahar ta' qabel xi droga ohra li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Kwantu ghad-droga misjuba fl-4 ta' April, 2002 u li kienet tammonta ghal cirka ghaxar grammi raza tal-*cannabis*, l-appellant jikkontendi fit-tieni aggravju tieghu li ma kien hemm xejn x'jindika li din id-droga ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha, ma tistax hlief taqbel ma' l-appellant. L-ammont involut kien kompatibbli ma' l-i*smoking habits* tal-appellant; u l-fatt li din ir-raza kienet f'erba' bicciet (b'wahda minnhom imgezwra fil-*foil*) u li kien hemm *"…sikkina zghira mahruqa x'aktarx biex taqta' r-raza tal-cannabis…"* ma setax fic-cirkostanzi tal-kaz iwassal lill-ewwel qorti sabiex ragjonevolment tikkonkludi li dik ir-raza ma kienitx ghall-uzu esklussiv ta' l-istess appellant. Ghalhekk l-uniku reat li l-appellant seta' jinstab hati tieghu kien dak ta' pussess "semplici" tar-raza tal-*cannabis*, li huwa reat kompriz u involut fit-tieni imputazzjoni. Isegwi ghalhekk li anqas ma jista' l-appellant jinstab hati skond it-tielet imputazzjoni peress li din l-imputazzjoni, li timplika semplicement aggravju fil-piena, tiskatta biss "meta persuna tinsab hatija

[1] Din il-Qorti ma tistax hawn ma tirrimarkax dwar il-mod xejn felici ta' kif saret it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-appellant, allura imputat, minnu moghtija quddiem l-ewwel qorti fit-3 ta' Ottubru, 2003. Din it-traskrizzjoni fiha hafna partijiet migjuba f'puntini (…) jew ghax ma gie registrat xejn fuq it-*tape* jew ghax it-traskrittur ma fehemx dak li kien gie registrat. Dan huwa nuqqas serju li, sa fejn kien possibbli, kellu jigi indirizzat mill-ewwel qorti qabel ma tghaddi ghas-sentenza taghha.

kif provdut fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) jew fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b)" tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101; l-appellant ser jigi dikjarat hati biss ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis* b'mod li r-reat jaqa' taht is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) ta' l-imsemmi artikolu.

It-tielet aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. Peress li din il-Qorti ser tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kif dedotti izda ser tiddikjarah hati biss ta' pussess "semplici" tar-raza tal-*cannabis*, hu evidenti li ser ikun hemm tibdil ukoll fil-piena, u ghalhekk ma hux il-kaz li din il-Qorti toqghod tezamina l-argumenti migjuba mill-appellant taht dana l-aggravju.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu kif ukoll fejn ikkundannatu sitt xhur prigunerija, u minflok issibu hati biss ta' pussess "semplici" tar-raza tal-*cannabis*; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, u cioe` ghal dak li jirrigwarda l-multa ta' mitejn lira (Lm200).

Kwantu ghad-distruzzjoni tad-droga din il-Qorti ma tarax in-necessita` li din issir mill-Ispizjar Mario Mifsud, bl-ispejjez li tali nomina neccessarjament iggib maghha. Din id-distruzzjoni, ghalhekk, ghandha ssir mir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, li ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega fic-cirkostanzi tal-kaz, u li, kif ordnat mill-ewwel qorti, ghandu jirredigi process-verbal dettaljat dwar il-process ta' distruzzjoni. Id-distruzzjoni ghandha ssir u l-process-verbal ghandu jigi redatt mhux aktar tard minn gimghatejn mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------